MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2794/1998/1

**Denfar and Zoqdi Construction Limited**

**Vs**

**Direttur tal-Kuntratti**
**u**
**Kap tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi Taqsima Xoghlijiet – Ministeru tal-Ambjent**

## Il-Qorti.

## Preliminari

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi s-socjeta' attrici esegwit fuq inkarigu ta', u a beneficcju ta' l-konvenuti xoghol ta' skavar ta' blat f'Pembroke;

Peress illi ghad baqa' bilanc a favur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u hamsin lira maltija u hamsin centezmu (Lm1,655.50);

Peress illi ghalkemm interpellati biex ihallsu, l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma veri certi u likwidi debituri a favur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u hamsin lira maltija u hamsin centezmu (Lm1,655.50) bilanc ta' somma akbar prezz ta' xoghol u skavar fil-blat f'Pembroke.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u hamsin lira maltija u hamsin centezmu (Lm1,655.50) bilanc ta' somma akbar prezz ta' xoghol ta' skavar fil-blat f'Pembroke.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 28 ta' Mejju, 1998, tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru, 1998, u bl-interessi skond il-ligi mit-18 ta' Settembru, 1998 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tal-Kuntratti a fol. 19 tal-process fejn eccepixxa:**

1. Illi, in linea preliminari, il-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza stante li l-funzjoni tieghu hija limitata ghall-hrug, l-ipprocessar u l-accettazzjonijiet ta' offerti u dan sabiex l-offerti u l-accettazzjonijiet taghhom ikunu konformi mal-*Public Service (Procurement) Regulation*, 1996 (L.N. 60 ta' l-1996). Illi ghaldaqstant, l-esponent mhux responsabbli ghal xi hlas ta' xi kreditu li jista' jkun s-suggett ta' tali kuntratt.

2. Illi rigward il-meritu, u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont allegat m'huwiex dovur kif ser jigi spjegat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi a fol. 22 fejn eccepixxa:**

1. Preliminarjament l-intempestivita' ta' l-azzjoni attrici stante li l-verifiki kellhom isiru waqt li kienu qeghdin jitwettqu x-xoghlijiet.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-socjeta' attrici thallset is-somma ta' elf, erba' mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm1,452) bhala prezz ta' xoghol ta' skavar illi sar f'Pembroke u ghalhekk trid issir il-prova li effettivament fadal bilanc biex jithallas.

3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 71;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit David Pace;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-partijiet mhux qed jaqblu dwar il-bilanc (ara kont a fol. 5 u 6 tal-Perit Valerio Schembri) li hu dovut lill atturi ghall tqattiegh ta' blat in konnessjoni ma progett ta' gnien pubbliku li sar minnhom f'Pembroke fuq ordni tad-Dipartiment tax-Xogholijiet fil-Ministeru ta' l-Ambjent. Mill-kont prezentat mill-atturi l-qtugh ta' blat fil-gibjun mhux kontestat u sar il-pagament relattiv mentri l-erba partiti l-ohra huma kontestati. Dawn kienu jikkonsistu fi qtugh ta' blat iehor madwar l-istess sit tal-progett.

Il-konvenut Direttur tal-Kuntratti eccepixxa li mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Charles Ciantar, Principal Officer fid-Dipartiment tal-kuntratti, xehed li r-rwol tad-Direttur tal-Kuntratt kien limitatament ghal-hrug, processar u accettazzjoni ta' offerti u dana sabiex ikun konformi mal Public Service (Procurement) Regulation tal-1996 L.N. 60/1996. Id-Direttur mhux responsabbli ghal ebda kreditu li jista jkun dovut u soggett ghal tali kuntratt. Fil-fatt jirrizulta li l-ewwel pagament lill atturi sar mill Ministry for Public Works and Construction fol. 12 u d-Direttur tal-Kuntratt ma kellux x'jaqsam ma dana l-kreditu. Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi milqugha.

Fil-mertu l-Qorti kienet qabdet lill Perit arkitett David Pace biex jaccedi fuq il-post fejn sar l-iskavar u jirrelata dwar x'ammont ta' skavar sar.

Il-Perit nominat minn dina l-Qorti pprezenta r-relazzjoni tieghu li tinsab a fol. 93.

Jirrizulta mill-provi li l-Perit Valerio Schembri li hareg il-kont a fol. 5 u 6 meta gie biex ikejjel sab li parti mix-xoghol (dak kontestat) kien diga intradam. Hu kien mar mal-operator li kien qatta' x-xoghol u kejjel fuq dak li qallu u kkwantifikah u hareg il-kont.

Il-konvenuti qed jikkontestaw li sar dak il-volum ta' tqattiegh ta' blat apparti l-gibjun.

Il-Perit nominat minn dina l-Qorti wasal ghall konkluzzjoni li ma giex pruvat li sar dak it-tqattiegh ta' blat fil-volumi li hemm imnizzla fil-kont esibit a fol 6. Mix-xhieda, anke dika tal-konvenuti, jirrizulta li sar tqattiegh u *trimming* madwar is-sit u mhux biss fil-gibjun. Ghalhekk l-Perit accetta l-partiti (2) (4) u (5) ta' l-istess kont izda ma jaqbilx illi ghandha tigi nkluza wkoll il-partita (3) billi ma giex pruvat li dina fil-fatt saret (ara l-argumenti tal-perit fil-para. 12, 13 u 14 tar-relazzjoni tieghu). Dwar ir-rata ta' Lm2.74c kif indikat fl-istess certifikat a fol. 5 ma kien hemm ebda kontestazzjoni. Ghalhekk il-bilanc dovut lill atturi huwa ta' LMm431.06.

Hu risaput illi l-konkluzjonijiet tar-relazzjoni peritali jistabilixxu u jikkostitwixxu prova li l-Qorti tista' - ghal raguni valida u konvincenti tiskarta - imma biex taghmel dan il-Qorti irid ikollha quddiemha provi ohra jew li jkunu diga' gew akkwiziti fil-process jew billi jkun hemm konkluzjonijiet diversi f'relazzjoni ta' periti addizzjonali jew altrimenti dak li jkun afferma l-perit tekniku jkun gie skossat meta dan jixhed in eskussjoni.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza Bonnett vs Lewis App deciza fil 1 ta' Marzu 1994: "Il-Qorti ma tissostitwixxix il-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku, sakemm ma jigux indikati lilha oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li taghmel dan." U "rarament ghandha l-Qorti tiddisturba l-gudizzju ta' espert tekniku sakemm ma jezistux ragunijiet gravi u serji biex taghmel dana".

Il-partijiet irrimettew ruhhom ghall-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku u ma gabu ebda ragunijiet ghall l-Qorti ghandha tiddipartixxi mill-konkluzzjonijiet tieghu.

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport tal-perit nominat, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-perit, kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu raggjunti huma gusti u korretti u hija tikkondividihom u taghmillhom taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' erba' mija wiehed u tletin lira Maltin u sitt centezmi (Lm431.06);

Tikkundanna lill-konvenut Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi
jhallas lis-socjeta' attrici s-somma hekk likwidata;

Tillibera lill konvenut Direttur tal-kuntratti mill-osservanza tal-gudizzju

Spejjez kwantu ghall tlett kwarti ghall-atturi u kwart ghall konvenut Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi.

Imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------